MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 662/2006

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Zerafa Vincent**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2006 fejn intalab li l-konvenut Vincent Zerafa ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attirici is-somma ta' tnejn u sebghin lira u dsatax-il centezmu (Lm72.19) rapprezentanti in ammont dovut in konnessjoni ma' client contract number 02472 in konnessjoni ma servizzi lilu rezi ghax-xhur bejn Lulju 2002 u Frar, 2003.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ PL Peter Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta’ tnejn u sebghin lira u dsatax-il centezmu (Lm72.19) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------